

Talbiet

— tiddikjara li, billi ma addottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/21/KE ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immuniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE ⁽²⁾ jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikax dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu previst għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2006/21/KE fis-sistema legali interna skada fit-30 ta' April 2008.

⁽¹⁾ ĠU L 102, p. 15

⁽²⁾ ĠU L 143, p. 56

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

(Kawża C-187/09)

(2009/C 167/13)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: O. Beynet, S. Walker, aġenti)

Konvenuti: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Talbiet tal-partijiet rikorrenti

— tiddikjara li, billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 2006, dwar emissjonijiet minn sistemi ta' kondizzjonament tal-arja f'vetturi bil-mutur li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva u taħt it-Trattat;

— tikkundanna lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fl-4 ta' Jannar 2008.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs L-Irlanda

(Kawża C-202/09)

(2009/C 167/14)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: L. Balta, A.-A. Gilly, aġenti)

Konvenuta: L-Irlanda

Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li, billi m'adottax il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/24/KE ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006, dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE ⁽²⁾, jew fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikatx l-imsemmija dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-direttiva; u

— tikkundanna lill-Irlanda għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fil-15 ta' Settembru 2007.

⁽¹⁾ ĠU L 105, p. 54

⁽²⁾ ĠU L 201, p. 37

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-2 ta' April 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq

(Kawża C-312/08) ⁽¹⁾

(2009/C 167/15)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 223, 30.08.2008.